


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Portugal](#)

Suċċessjonijiet



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

Jekk il-wirt ma jkunx ikkontestat, in-nutara tal-liġi ċivili, l-uffiċċji tar-reġistru u r-reġistri tal-artijiet ikunu kompetenti, mingħajr ebda ġurisdizzjoni territorjali. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu għaldaqstant iwettqu l-atti fl-istituzzjoni tal-għażla tagħhom, mingħajr restrizzjonijiet territorjali.

B'mod simili, u kif issemma aktar 'il fuq, il-patrimonji jistgħu jinqasqu quddiem kwalunkwe avukat jew solicitor fil-pajjiż, dment li jkun ingħata s-setgħa kif deskritt (minn reġistratur jew nutar).

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Id-dispożizzjonijiet *causa mortis* jistgħu jieħdu żewġ forom: (i) testment; (ii) kuntratt.

(i) Testment

Testment huwa strument personali li ma jistax jiġi stabbilit minn rappreżentant.

It-testmenti konġunti, jiġifieri dawk magħmula minn żewġ jew tliet persuni fl-istess dokument, jew għall-benefiċċju ta' parti terza jew għall-benefiċċju reċiproku tagħhom, mhumiex permessi.

Testment jikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' intenzjoni minn persuna waħedha li ma għandhiex bżonn tiġi indirizzata jew miġjuba għall-attenzjoni ta' persuna partikolari. Dan huwa liberament revokabbli u l-assi jiġu trasferiti lill-eredi jew lil-legatarji wara l-mewt tat-testatur.

Jeżistu tipi standard u speċjali ta' testment.

It-tipi standard ta' testment huma: testmenti pubbliċi (*testamentos públicos*) u testmenti magħluqa (*testamentos cerrados*).

Testment pubbliku jiġi fformulat minn nutar fir-reġistru tiegħu.

Testment magħluq jiġi fformulat u ffirmat mit-testatur jew minn persuna oħra fuq talba tat-testatur, iżda jeħtieġ li jiġi approvat minn nutar. Dan irid jinżamm mit-testatur jew minn parti terza jew jista' jiġi ffajljat man-nutar. Persuna fil-pussess ta' testment magħluq trid tippreżentah fi żmien tlett ijiem mid-data meta saret taf bil-mewt tat-testatur, u fin-nuqqas ta' dan hija tkun responsabbli għal kull telf jew dannu kkawżat, u jekk hija tkun werrieta tista' ttitlef il-kapaċità li turet bi skwalifika abbażi tal-kondotta tagħha.

Il-liġi tipprevedi t-tipi segwenti ta' testment speċjali: testmenti militari, testmenti magħmula fuq bastiment, testmenti magħmula fuq ajruplan, testmenti magħmula f'każ ta' diżastru. Testment jista' jsir biss f'waħda minn dawn il-forom speċjali fl-eventwalità ta' xi ċirkustanzi eċċezzjonali previsti mil-liġi. Dawn it-testmenti jkunu nulli

xahrejn wara li tkun ġiet fit-tmiem tagħha l-kawża li pprekludiet lit-testatur milli jagħmel testment skont il-forom tas-soltu.

Il-leġiżlazzjoni Portugiża tippredvi wkoll forma speċjali ta' testment magħmul minn ċittadin Portugiż barra mill-pajjiż skont il-liġi barranija. Dan jieħu effett fil-Portugall jekk dan isir jew jiġi approvat b'mod formali.

(ii) Kuntratt

Is-sistema legali Portugiża taċċetta suċċessjoni permezz ta' kuntratt fuq bażi eċċezzjonali. Dan jista' iseħħ permezz ta' ftehim ta' suċċessjoni jew donazzjonijiet għas-superstiti f'każ ta' żwieġ, li jidħol fis-seħħ mal-mewt tad-donatur. Sabiex ikunu validi, kemm il-ftehim ta' suċċessjoni u donazzjonijiet għas-superstiti f'każ ta' żwieġ iridu jissemmew fil-kuntratt taż-żwieġ.

Madankollu, is-suċċessjoni permezz ta' kuntratt hija pprojbita bħala regola ġenerali. Il-ftehimiet ta' suċċessjoni huma għalhekk ipprojbiti bħala regola, u jekk isiru xorta waħda dawn ikunu invalidi. Id-donazzjonijiet f'każ ta' mewt huma pprojbiti wkoll, iżda minflok ikunu invalidi dawn isiru dispożizzjonijiet testamentarji bis-saħħa tal-liġi u huma liberament revokabbli.

Hemm żewġ tipi ta' ftehim ta' suċċessjoni li l-validità tagħhom hija rikonoxxuta eċċezjonalment mil-liġi:

(a) il-ħatra ta' werriet jew legatarju għall-benefiċċju ta' wieħed mill-konjuġi, mill-konjuġi l-ieħor jew minn parti terza;

(b) il-ħatra ta' werriet jew legatarju għall-benefiċċju ta' parti terza minn wieħed mill-konjuġi. Id-distinzjoni bejn werriet u legatarju hija spjegata f'risposta għad-domanda "Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?"

Il-ftehimiet ta' suċċessjoni validi jidħlu fis-seħħ biss mal-mewt tat-testatur. Madankollu, il-ftehim imsemmi fil-punt (a) iktar 'il fuq, ma jistax jiġi rrevokat b'mod unilaterali wara li jkun ġie aċċettat, u waqt li t-testatur ikun għadu ħaj huwa ma jistax jippreġudika lill-benefiċċjarju permezz ta' donazzjonijiet. Il-ftehim ta' suċċessjoni riferut fil-punt (b) aktar 'il fuq huwa revokabbli liberament jekk il-parti terza ma kinitx involuta fil-kuntratt ta' żwieġ bħala parti li aċċettat.

Barra minn dawn iż-żewġ tipi ta' ftehim ta' suċċessjoni, il-liġi taċċetta l-validità tad-donazzjonijiet lis-superstiti fiż-żwieġ. Dawn jingħataw fil-kuntest ta' żwieġ, lil wieħed mill-konjuġi, mill-konjuġi l-ieħor jew minn parti terza. Id-donazzjoni mal-mewt f'kontemplazzjoni ta' żwieġ hija soġġetta għar-regoli dwar il-ftehimiet ta' suċċessjoni u trid tiġi stipulata fil-kuntratt ta' żwieġ.

NB:

Il-liġi Portugiża tippredvi żewġ tipi ta' suċċessjoni. Waħda hija suċċessjoni volontarja - permezz ta' testment jew kuntratt - imsemmija f'din ir-risposta. L-oħra hija s-suċċessjoni legali - leġittima jew obligatorja - li se tissemma fir-risposti għad-domandi "Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' dispożizzjoni causa mortis (eż. sehem riżervat)?" u "Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni causa mortis, min jiret u kemm?".

Is-suċċessjoni volontarja hija r-riżultat ta' att volontarju min-naħa tat-testatur, bħal fil-każ ta' testmenti jew kuntratti.

Is-suċċessjoni legali hija aċċettata mil-liġi. Hija magħrufa bħala suċċessjoni obligatorja (sucessão legítima) meta tkun ir-riżultat dirett tal-liġi u ma tistax tingħeleb mix-xewqat tat-testatur. Din hija magħrufa bħala suċċessjoni leġittima (sucessão legítima) meta tirriżulta mil-liġi iżda ma tistax tingħeleb mix-xewqat tat-testatur.

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Bħala regola, id-dispożizzjonijiet ma għandhomx bżonn ikunu reġistrati.

Hemm eċċezzjonijiet, madankollu, li huma minquxa f'diversi dispożizzjonijiet legali. Id-dispożizzjonijiet *causa mortis* iridu jiġu reġistrati, per eżempju, fil-każijiet segwenti:

(i) dispożizzjoni testamentarja preferenzjali li għandha effett sħiħ;

(ii) l-istabbiliment ta' reġim ta' esklussività u l-modifiki tiegħu;

(iii) l-obbligu ta' tnaqqis ta' donazzjonijiet suġġetti għall-kollazzjoni;

(iv) il-kuntratti ta' żwieġ.

Fil-każijiet indikati fil-punti (i), (ii) u (iii) aktar 'il fuq, ir-reġistrazzjoni trid tiġi ppreżentata lir-reġistru tal-artijiet (*Conservatória do Registo Predial*) mill-pretendenti jew mill-intimati fir-relazzjoni legali, minn persuni li għandhom xi interess fir-reġistrazzjoni jew minn persuni li huma obbligati li jipromwovu r-reġistrazzjoni skont il-liġi (reġistrazzjoni uffiċjali promossa f'xi każijiet mill-qrati, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew mir-reġistratur innifsu). Ir-reġistrazzjoni hija stabbilita permezz ta' deskrizzjoni tal-proprjetà, deskrizzjoni tal-fatti u tal-kummenti rispettivi u tal-annotazzjoni ta' ċerti ċirkustanzi.

Fil-każ indikat fil-punt (iv), ir-reġistrazzjoni tiġi fformulata f'uffiċċju tar-reġistru (*Conservatória do Registo Civil*) bħala annotazzjoni jew reġistrazzjoni permezz ta' dikjarazzjoni mill-partijiet. F'dan il-każ, il-persuni li huma direttament ikkonċernati minn dan il-fatt jew li l-kunsens tagħhom huwa meħtieġ jistgħu jkunu partijiet għar-reġistrazzjoni.

NB:

Ir-reġim ta' esklussività jinvolvi d-dritt tal-armel jew armla għall-manteniment mill-fondi li jkun ħalla d-decujus.

Il-kollazzjoni tinvolvi r-restituzzjoni lill-patrimonju, mid-dixxendenti li jittamaw li jirtu, tal-assi jew oġġetti ta' valur mogħtija minn qarib axxendent.

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Iva, skont il-leġiżlazzjoni Portugiża s-sehem riżervat huwa restrizzjoni għal-libertà ta' dispożizzjoni *causa mortis*. Is-sehem riżervat huwa l-porzjon ta' assi li t-testatur ma jistax jiddisponi minnu billi dan huwa assenjat bil-liġi lill-werrieta obligatorji (*herdeiros legítimários*). Din hija magħrufa bħala suċċessjoni obligatorja, li hija forma ta' suċċessjoni legali li ma tistax tiġi evitata permezz tax-xewqat tat-testatur.

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Jekk id-decujus ma jkunx għamel trasferiment validu u effettiv, b'mod sħiħ jew parzjali, tal-proprjetà li kellha tiġi ttrasferita wara mewtu, il-werrieta leġittimi tiegħu (*herdeiros legítimos*) jinħatru bħala s-suċċessuri. Din hija magħrufa bħala suċċessjoni leġittima, li hija forma ta' suċċessjoni legali li ma tistax tiġi evitata permezz tax-xewqat tat-testatur.

Il-werrieta leġittimi huma l-konjuġi, il-qraba u l-istat, fl-ordni segwenti:

1. il-konjuġi u d-dixxendenti;
2. il-konjuġi u l-axxendenti;
3. l-aħwa u d-dixxendenti tagħhom;
4. qraba kollaterali oħra sar-raba' grad;
5. l-istat.

Il-werrieta obligatorji huma l-konjuġi, id-dixxendenti u l-axxendenti. Il-konjuġi u d-dixxendenti jiffurmaw l-ewwel kategorija ta' suċċessuri. Fin-nuqqas ta' dixxendenti, il-konjuġi u l-axxendenti jkunu l-eredi.

Ma huwiex possibbli li l-wirt sħiħ jitħalla lil xi ħadd li ma jkunx werriet leġittimu, lanqas jekk isir testment (l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili). Il-liġi tistipula li parti biss mill-wirt, l-hekk imsejġha kwota disponibbli, hija disponibbli. Il-parti li jifdal (is-sehem leġittimu) trid tingħadda lill-werrieta obligatorji, u l-valur tagħha jiddependi mit-tip ta' werriet:

- L-uniku werriet obligatorju huwa l-konjuġi: Kwota disponibbli ta' 50 %; Kwota leġittima ta' 50 % (l-

Artikolu 2144 tal-Kodiċi Ċivili);

- Konjuġi u tfal: Is-sehem leġittimu huwa żewġ terzi tal-wirt; terz tal-kwota disponibbli (l-Artikolu 2139 tal-Kodiċi Ċivili);
- Mingħajr konjuġi iżda bit-tfal: is-sehem leġittimu tat-tfal huwa nofs il-wirt jew żewġ terzi tal-wirt, skont jekk ikunx hemm wild wieħed jew tnejn jew aktar ulied (l-Artikolu 2139(2) tal-Kodiċi Ċivili);
- Mingħajr dixxendenti iżda b'konjuġi u bi qraba fil-linja axxendenti: is-sehem leġittimu huwa żewġ terzi tal-wirt; il-kwota disponibbli hija terz (l-Artikolu 2142 tal-Kodiċi Ċivili).

NB:

Il-konjuġi ma jkunx indikat bħala werriet jekk, fil-mument tal-mewt tat-testatur, ikun iddivorżjat jew separat legalment b'sentenza finali jew sentenza li għandha ssir finali. Meta l-proċedimenti ta' divorzju jew ta' separazzjoni legali jkunu pendenti fil-mument tal-mewt tat-testatur, il-benefiċjarji jistgħu jkomplu tali proċedimenti għall-effetti patrimonjali. F'dan il-każ imsemmi l-aħħar, jekk id-divorżju jew is-separazzjoni jiġu sussegwentement deċiżi, il-konjuġi ma jinħatarx bħala benefiċjarju. L-istess japplika meta l-konjuġi jkunu daħlu f'kuntratt taż-żwieġ qabel ma jiżżewġu skont ir-reġim tas-separazzjoni tal-proprjetà, billi jagħżlu li jirrinunzjaw għall-wirt ta' xulxin b'mod reċiproku (l-Artikolu 1700(1)(c) u (3) u l-Artikolu 1707a tal-Kodiċi Ċivili).

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

Il-kompetenza fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni tiddependi fuq jekk is-suċċessjoni tiġix ikkontestata (aċċettazzjoni b'benefiċċju tal-inventarju) jew le (aċċettazzjoni pura u sempliċi).

In-nutara u l-qrati huma kompetenti fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni kkontestata. Għal każijiet previsti fl-Artikolu 1083(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (eż. werrieta li l-post fejn joqogħdu ma jkunx magħruf, werrieta mingħajr kapaċità legali, inventarju meħtieġ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku), l-inventarju jrid isir fil-qrati. F'każijiet oħrajn, il-persuni kkonċernati jistgħu jagħżlu li jieħdu l-inventarju fl-uffiċċju ta' nutar (*Cartório Notarial*) jew f'qorti.

In-nutara u r-reġistraturi (*Conservatórias dos Registos*) huma kompetenti wkoll fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni mhux ikkontestata. F'dan il-każ, huma kompetenti sabiex jagħtu s-setgħa lill-werrieta li jwettqu d-diviżjoni rispettiva.

Bl-awtentikazzjoni ta' dokument privat, l-avukati jistgħu jaqsmu l-patrimonji mhux ikkontestati iżda mhumiex kompetenti biex jipproduċu atti ta' eredità.

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Jekk il-wirt jiġi kkontestat, il-qrati jew l-uffiċċji tan-nutara jistgħu jwettqu l-inventarju, skont l-Artikolu 1083 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

F'każ ta' aċċettazzjoni pura u sempliċi tal-wirt, ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura tal-inventarju (*processo de inventário*). F'dan il-każ, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-wirt jitwettqu bi qbil reċiproku bejn il-werrieta u l-legatarji, mingħajr ebda obbligu għall-ftuħ ta' proċeduri quddiem nutar jew qorti.

Meta patrimonju jiġi ddikjarat li huwa sospiż favur l-Istat, il-proċedura speċjali rispettiva sabiex tingħalaq is-suċċessjoni għall-benefiċċju tal-Istat issir fil-qorti (l-Artikoli 2152-2155 tal-Kodiċi Ċivili).

Jekk il-wirt ma jiġix ikkontestat, in-nutara tal-liġi ċivili, l-uffiċċji tar-reġistru u r-reġistri tal-artijiet ikunu kompetenti, mingħajr ebda ġurisdizzjoni territorjali. Il-partijiet kkonċernati jistgħu sussegwentement iwettqu l-atti fl-istituzzjoni tal-għażla tagħhom, mingħajr restrizzjonijiet territorjali.

Għal wirt mhux ikkontestat, il-patrimonji jistgħu jinqasqu quddiem kwalunkwe avukat jew solicitor fil-pajjiż, dment li l-persuni kkonċernati jkunu ngħataw is-setgħa minn qabel (pereżempju minn reġistratur jew nutar).

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Fir-rigward tal-awtorità kompetenti biex tirċievi dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni jew ta' rinunzja tas-suċċessjoni, m'hemm ebda differenzi sostanzjali bejn legat u wirt jew bejn suċċessjoni legali jew volontarja. Ir-risposta għal dawn it-tliet domandi hija għalhekk l-istess.

Jekk is-suċċessjoni tkun ġiet aċċettata bil-benefiċċju tal-inventarju, id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ssir matul il-proċeduri tal-inventarju. F'dan il-każ, il-qorti jew in-nutar huwa l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni.

L-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni taħt il-benefiċċju tal-inventarju tiġi żgurata billi jintalab l-inventarju jew billi wieħed jintervjeni fih.

Tip ieħor ta' aċċettazzjoni tas-suċċessjoni hija l-aċċettazzjoni pura u sempliċi, li sseħħ meta s-suċċessjoni tiġi aċċettata u tinqasam mingħajr il-bżonn ta' proċeduri tal-inventarju.

Ir-regoli dwar l-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni japplikaw ukoll għall-aċċettazzjoni ta' legat. Id-distinzjoni bejn wirt u legat hija stabbilita fir-risposta għad-domanda segwenti.

Jekk jinfetħu proċeduri tal-inventarju, ir-rinunzja trid issir jew tiġi inkluża fil-fajl. F'dan il-każ, il-qorti jew in-nutar huwa l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu d-dikjarazzjoni ta' rinunzja.

Ir-rinunzja trid tiegħu waħda mill-forom segwenti: att pubbliku jew att privat awtentikat jekk jeżistu xi assi li għat-trasferiment tagħhom il-liġi teżiġi xi waħda minn dawn il-forom; dokument privat f'każijiet oħrajn.

L-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja ta' wirt jew ta' legat hija tranżazzjoni legali li ma tistax tiġi rinnegata, jiġifieri t-tnejn li huma jsiru permezz ta' dikjarazzjoni mill-werriet li ma għandhiex bżonn tiġi indirizzata jew miġjuba għall-attenzjoni ta' persuna partikolari.

Jekk il-patrimonju huwa sospiż, il-partijiet interessati jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jistgħu jitolbu lill-qorti sabiex jinnotifikaw lill-werriet sabiex jaċċetta jew jirrinunzja għall-wirt (Artikoli 1039-1041 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). F'dan il-każ, il-qorti tirċievi d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni. Il-patrimonju jitqies li jkun sospiż waqt il-perjodu meta jkun għadu ma ġiex aċċettat jew iddikjarat bħala sospiż favur l-Istat.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Il-proċedura tiddependi fuq jekk is-suċċessjoni hijiex kontestata jew le.

SUĊĊESSJONI KONTESTATA

L-għan tal-proċeduri tal-inventarju għas-suċċessjoni huwa: biex jinqasam il-patrimonju sabiex tintemm il-koproprjetà; biex jelenka l-assi tal-patrimonju jekk il-qsim mhuwix meħtieġ; biex jillikwida l-patrimonju jekk meħtieġ (Artikolu 1082 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta jiġi ppreżentat inventarju quddiem qorti, dan isegwi l-forma ta' inventarju ġudizzjarju prevista fit-Titolu XVI tal-Ktieb V tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Artikoli 1082-1129). Il-ġurisdizzjoni lokali interna tal-qorti nazzjonali tiġi ddeterminata skont il-fatturi ta' konnessjoni stabbiliti fl-Artikolu 72a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

L-istadji ewlenin tal-proċess tal-inventarju ġudizzjarju huma:

(i) it-talba inizjali;

(ii) l-oġġezzjoni u l-verifika tal-obbligazzjonijiet;

(iii) is-smiġn minn qabel tal-partijiet interessati;

(iv) l-identifikazzjoni u t-tlaqqiġ tal-partijiet interessati;

(v) it-tnaqqis tad-donazzjonijiet jew tal-legati li jaqbz u s-sehem trasferibbli;

(vi) id-dikjarazzjoni dwar id-diviżjoni u s-sentenza li tirratifika d-diviżjoni. Is-sentenza tista' tiġi segwita b'annullament jew bidla tad-diviżjoni, diviżjoni addizzjonali jew l-allokazzjoni ta' sehem lill-werriet mhux ikkunsidrat.

Meta l-inventarju isir f'uffiċċju ta' nutar, dan isegwi l-forma ta' inventarju notarili prevista fl-Anness tal-[Liġi Nru 117/2019 tat-13 ta' Settembru 2019](#), li jirreferi għall-emendi neċessarji tat-Titolu XVI tal-Ktieb V tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

F'konformità mal-Artikoli 1-5 tal-Anness tal-Liġi 117/2019: l-Assoċjazzjoni Portugiża tan-Nutara tippubblika fuq is-sit web tagħha ([Nutara Portugiżi](#)) lista ta' nutara li jistgħu jipproċessaw l-inventarji (www.notarios.pt); għal inventarji notarili, filwaqt li huwa l-kompitu tan-nutar li jieħu l-azzjoni meħtieġa, is-sentenza ta' ratifika tinħareġ dejjem mill-qorti li jkun sarilha r-rinviju għal dak l-iskop, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kwistjoni oħra li n-nutar jista' jagħmel rinviju dwarhom lill-qorti għal deċiżjoni; huwa l-kompitu tal-qorti li tiddeċiedi l-appelli ppreżentati matul il-proċess tal-inventarju notarili; il-partijiet huma ħielsa li jagħżlu l-uffiċċju tan-nutar fejn isir il-proċess tal-inventarju, dment li jkun hemm rabta rilevanti mas-suċċessjoni (pereżempju l-uffiċċju tan-nutar jinsab fil-muniċipalitè fejn tkun infetħet is-suċċessjoni jew fejn jinsabu l-assi jew fejn jgħixu l-parti l-kbira tal-partijiet interessati).

SUĊĊESSJONI MHUX IKKONTESTATA

Il-parti interessata tista' tirriżolvi l-kwistjonijiet quddiem nutar jew reġistratur. Permezz tas-sistema ta' punt uniku ta' servizz tar-reġistratur, dawn il-partijiet jistgħu jittrattaw il-kwistjonijiet kollha relatati mas-suċċessjoni, mill-awtorizzazzjoni sar-reġistrazzjoni finali tal-assi li jirriżultaw mid-diviżjoni.

Alternattivament, ladarba jingħataw is-setgħa bħala werrieta fl-uffiċċju jew fir-reġistru ta' nutar, il-partijiet interessati jistgħu jaqsmu l-assi tal-patrimonju permezz ta' dokument privat awtentikat quddiem avukat.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Il-werrieta jirtu l-patrimonju tad-*decurjus in toto* jew parzjalment, jiġifieri l-assi li għandhom jirtu ma jiġux determinati minn qabel.

Il-legatarji min-naħa l-oħra jirtu assi u oġġetti ta' valur partikolari.

Fil-kuntest ta' suċċessjoni legali, l-eliġibbiltà tirriżulta mil-liġi. Fil-kuntest ta' suċċessjoni volontarja, l-eliġibbiltà tirriżulta minn dikjarazzjoni ta' volontà mit-testatur. Il-werrieta jistgħu jkollhom l-istatus ta' werrieta jew legatarji f'suċċessjoni legali jew volontarja.

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Jekk il-patrimonju jiġi aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju, biss il-proprjetà mniżżla fl-inventarju tista' titqies għall-ħlas tad-djun tad-*decurjus* u ta' spejjeż oħra, sakemm il-kredituri jew il-legatarji ma jippruvaw li jeżistu xi assi oħra. Jekk ikun hemm inventarju, l-oneru tal-provi li jeżistu tali assi huwa fuq il-kredituri jew il-legatarji.

F'każ ta' aċċettazzjoni pura u sempliċi, ir-responsabbiltà tad-dejn u tal-piżijiet oħra bl-istess mod ma jistax jeċċedi l-valur tal-assi li intirtu, iżda f'dan il-każ huma l-werrieta jew legatarji li għandhom jippruvaw li l-patrimonju ma jinkludix assi ta' valur li jkopru l-ħlas tad-dejn jew l-eżekuzzjoni tal-legati. F'dan il-każ, l-oneru tal-provi li ma jeżistux tali assi huwa fuq il-werrieta jew il-legatarji.

Il-patrimonju huwa mogħni bil-piżijiet segwenti: l-ispejjeż tal-funeral u spejjeż relatati tat-testatur; l-ispejjeż dwar l-eżekuzzjoni testamentarja u l-amministrazzjoni u l-likwidazzjoni tal-patrimonju; il-ħlas tad-dejn tad-*decurjus*; l-eżekuzzjoni tal-legati.

L-assi li jkunu intirtu b'mod konġunt huma kollettivament responsabbli għal flasijiet imsemmija hawn fuq. Ladarba l-patrimonju jkun ġie maqsum, kull werriet huwa responsabbli biss għal ammont *pro rata* tas-sehem tagħhom mill-wirt.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Fir-risposta segwenti huma ppreżentati separatament id-dokumenti u l-informazzjoni mitluba għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli, il-miżati li jridu jitħallsu u kif tista' tiġi ppreżentata t-talba għar-reġistrazzjoni (personalment, bil-posta jew online).

Dokumenti u informazzjoni mitluba

It-talbiet għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà immobbli jridu jidentifikaw l-applikant, il-fatti u l-proprjetajiet ikkonċernati u l-lista ta' dokumenti ta' prova.

Il-fatti biss imsemmija fid-dokumenti li jissostanzjawhom legalment jistgħu jiġu reġistrati.

Id-dokumenti f'lingwa barranija jistgħu jiġu aċċettati biss meta tradotti skont il-liġi, barra meta jkunu redatti bl-Ingliż, il-Franċiż jew l-Ispanjol u l-uffiċjal kompetenti għandu għarfien sew tal-lingwa kkonċernata.

Meta l-vijabbiltà ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni trid tiġi vverifikata abbażi ta' liġi barranija, il-parti interessata trid tagħti prova tal-kontenut tagħha permezz ta' dokument xieraq.

Jekk it-talba għar-reġistrazzjoni tikkonċerna bini li mhuwiex deskritt, trid tiġi mehmuża dikjarazzjoni addizzjonali li tindika l-isem, l-istatus u l-indirizz tal-proprjetarji immedjatament qabel iċ-ċedent u l-artikolu preċedenti tar-reġistru ta' proprjetà, sakemm l-applikant ma jiddikjarax fid-dikjarazzjoni għaliex dan mhuwiex magħruf.

Jekk ir-reġistrazzjoni tikkonċerna sehem fi proprjetà konġunta li ma ġietx deskritta, iridu jiġu ddikjarati wkoll l-isem, l-istatus u l-indirizz tal-*koproprjetarji* kollha.

Miżati li jridu jitħallsu

Il-miżata trid titħallas meta tiġi ppreżentata t-talba jew trid tintbagħat magħha. Il-miżata tikkorrispondi għall-ammont probabbli totali li jkun pagabbli. Jekk din ma titħallasx meta tiġi ppreżentata t-talba għar-reġistrazzjoni, it-talba tista' tiġi miċħuda immedjatament.

Meta l-miżata ma tħallsix u t-talba ma tkunx ġiet miċħuda, is-servizz ta' reġistrazzjoni jinnotifika lill-parti interessata bl-iskadenza għall-ħlas tal-ammont li ma tħallasx għax inkella r-reġistrazzjoni tiġi miċħuda.

L-istess proċedura tiġi segwita meta l-ammont inizjali m'ħallasx ma jkunx biżżejjed u ma jitħallas l-ebda ammont addizzjonali.

Talba għar-reġistrazzjoni li ssir personalment, bil-posta jew online

It-talbiet għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà immobbli tista' tiġi ppreżentata personalment, bil-posta jew online.

It-talbiet għar-reġistrazzjoni li jiġu ppreżentati personalment u bil-posta jridu jsiru bil-miktub, f'konformità mal-forom approvati b'deċiżjoni tal-korp ta' tmexxija tal-Istitut tar-Reġistri u tan-Nutara (*Instituto dos Registos e do Notariado, I.P.*). Id-dokumenti li jissostanzjaw il-fatt li għandu jiġi rreġistrat u d-dikjarazzjonijiet addizzjonali fuq imsemmija, jekk ikun il-każ, iridu jiġu mehmuża magħhom.

Il-forom imsemmija fil-paragrafu preċedenti ma għandhomx jintużaw għal talbiet għar-reġistrazzjoni bil-miktub mill-awtoritajiet pubbliċi involuti bħala rikorrenti jew konvenuti f'atti mill-qrati, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, l-amministraturi tal-insolvenza jew l-aġenti tal-infurzar, kemm jekk jiġu ppreżentati personalment jew bil-posta.

It-talbiet magħmula mill-qrati, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, l-aġenti tal-infurzar jew il-marixxalli li jwettqu attivitajiet proprji ta' aġenti tal-infurzar u amministraturi tal-qorti għandhom preferibbilment jintbagħtu bil-posta elettronika u jkunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa għar-reġistrazzjoni, u kif ukoll l-ammonti pagabbli.

It-talbiet għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà jistgħu jsiru online fuq [Predial Online](#). L-uniċi proċeduri li ma jistgħux jiġu reġistrati online huma proċeduri li jiġġustifikaw, jirrettifikaw jew jikkontestaw id-deċiżjonijiet adottati mir-reġistratur.

Jeħtieġ ċertifikat elettroniku sabiex jintalbu atti ta' reġistrazzjoni ta' proprjetà online. Iċ-ċittadini li jkollhom karta tal-identità Portugiża u li attivaw iċ-ċertifikat elettroniku tagħhom, l-avukati, in-nutara u s-solicitors diġà għandhom dawn iċ-ċertifikati.

Il-ġestjonarji u d-diretturi ta' kumpaniji kummerċjali jew kumpaniji tal-liġi ċivili li għandhom forma kummerċjali jistgħu jattestjaw li d-dokumenti elettroniċi li huma ppreżentaw huma konformi mad-dokumenti stampati oriġinali meta huma jippreżentaw it-talbiet għar-reġistrazzjoni online li fihom l-kumpaniji rispettivi huma partijiet interessati.

NB:

Il-persuni u / jew l-entitajiet biss li l-liġi tikkunsidra bħala leġittimi jistgħu jippreżentaw talba għar-reġistrazzjoni ta' beni immobbli. Dawn il-persuni jew l-entitajiet huma identifikati iktar 'il fuq fir-risposta għad-domanda "Id-dispożizzjoni causa mortis għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?" fit-taqsimha li tindika r-reġistrazzjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati lir-Reġistru tal-Artijiet.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jekk ikunu meħtieġa l-proċeduri tal-inventarju. F'dan il-każ, huwa obligatorju li jinħatar il-kap tal-familja li jkun inkarigat mill-amministrazzjoni tas-suċċessjoni. Il-persuna li titlob proċeduri tal-inventarju tindika l-persuna li, skont il-liġi, tkun meħtieġa teżerċita l-funzjonijiet ta' kap tal-familja. Dan isir skont il-forma użata għall-proċeduri tal-inventarju.

Meta l-patrimonju jkun sospiż, jista' jkun li ma hemm ħadd li huwa legalment intitolat sabiex jamministrat. F'dan il-każ, kull werriet jista' jieħu azzjoni biex jamministra s-suċċessjoni anki qabel din tkun aċċettata jew tiġi rinunzjata. Jekk ikun hemm riskju ta' telf jew deterjorament tal-assi tal-patrimonju sospiż, il-qrati jaħtru kuratur. Dan isir fuq it-talba tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew ta' kull parti interessata oħra. Id-definizzjoni ta' patrimonju sospiż diġà ngħatat fir-risposta għad-domanda "X'tip ta' awtorità hija kompetenti: (...) biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew ta' aċċettazzjoni?"

9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Kap tal-familja

Il-kap tal-familja huwa responsabbli bħala regola għall-amministrazzjoni tal-patrimonju sakemm dan jiġi likwidat u maqsum.

Skont il-liġi, l-inkarigu ta' kap tal-familja jiġi ddelegat fl-ordni segwenti:

1. lill-konjuġi superstiti, mhux separati legalment f'persuna jew fi proprjetà, jekk huma werrieta jew ikollhom sehem fiż-żwieġ tal-beni tal-koppja;
2. lill-eżekutor, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor mit-testatur;
3. lill-qraba li huma werrieta legali;
4. lil-legatarji testamentarji.

Jekk il-patrimonju kollu jinqasam bejn il-legatarji, il-legatarju l-aktar preferut jaġixxi bħala kap tal-familja u jissostitwixxi l-werrieta; f'ċirkustanzi ta' ugwalità, l-ixjaħ wieħed minnhom ikun il-preferut.

Hemm każijiet speċifiċi li fihom l-amministrazzjoni tal-assi kollha jew ta' parti mill-patrimonju jiġu fdati lill-eżekutor jew lit-trustee, kif jiġi spjegat hawn isfel.

Eżekutor (*testamenteiro*)

Fil-każ ta' suċċessjoni testamentarja, it-testatur jista' jaħtar persuna waħda jew aktar li jkunu inkarigati sabiex

jiżguraw li t-testament jiġi eżegwit fl-intier tiegħu jew parzjalment. Din hija magħrufa bħala eżekuzzjoni testamentarja. Il-persuna maħtura hija l-eżekutor.

Trustee (*fiduciario*)

Is-sostituzzjoni tat-trustee, jew tal-fedekommess, hija dispożizzjoni li permezz tagħha t-testatur jinkariga lill-werriet indikat sabiex jippreżerva l-wirt, b'tali mod li dan imur għall-benefiċċju ta' xi ħadd ieħor wara l-mewt tiegħu. Il-werriet li jingħata dan id-dover jissejjaħ t-trustee. Il-benefiċċjarju tas-sostituzzjoni huwa magħruf bħala l-werriet tal-fiduċjarju. It-trustee jibbenefika u jamministra l-assi taħt fedekommess.

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Setgħat ta' kap tal-familja

Il-kap tal-familja jamministra l-assi tad-*decujus* u, jekk dan tal-aħħar kien miżżewweġ skont ir-reġim tal-komunità tal-akkwisti, l-assi komuni tal-koppja.

Il-kap tal-familja jista' jitlob lill-werrieta jew lil parti terza sabiex jagħtuh l-assi li huwa jrid jamministra u li qegħdin fil-pussess tagħhom. Il-kap tal-familja jista' jressaq azzjonijiet għal pussess kontra l-werrieta jew kontra parti terza u jista' jirkupra r-riċevibbli tal-patrimonju meta d-dewmien jippreġudika l-irkupru tagħhom jew meta l-pagament isir b'mod spontanju.

Il-kap tal-familja jrid ibiġh l-prodotti u beni oħra li jiġhassru malajr u jista' juża s-somom riċevuti mill-bejgħ tagħhom għall-ħlas ta' spejjeż tal-funeral u spejjeż relatati oħra kif ukoll għas-spejjeż ta' amministrazzjoni.

Il-kap tal-familja jista' wkoll ibiġh prodotti li ma jiġhassrux malajr, sa fejn dan ikun meħtieġ għall-ħlas ta' spejjeż tal-funeral u spejjeż relatati oħra kif ukoll għas-spejjeż ta' amministrazzjoni.

Barra mill-każijiet imsemmijin hawn fuq, id-drittijiet relatati mas-suċċessjoni jistgħu biss jiġu eżerċitati konġuntament mill-werrieta kollha jew kontra l-werrieta kollha.

Setgħat tal-eżekutor

Jekk l-eżekutor inħatar f'suċċessjoni b'testament, huwa jkollu s-setgħat mogħtija mit-testatur.

Jekk it-testatur ma jispeċifikax is-setgħat tal-eżekutor, dan tal-aħħar huwa responsabbli minn dan li ġej: l-organizzazzjoni tal-funeral u l-ħlas tal-ispejjeż relatati; is-sorveljanza tal-applikazzjoni tajba tad-dispożizzjonijiet testamentarji u d-difiża tal-validità tagħhom quddiem il-qrati, fejn meħtieġ; it-tweqqif tal-funzjonijiet ta' kap tal-familja.

It-testatur jista' jinkariga lill-eżekutor sabiex jeżegwixxi l-legati tal-patrimonju u obligazzjonijiet oħrajn meta huwa jkun kap tal-familja u ma jkunx hemm bżonn ta' inventarju obligatorju. Għal dan il-għan, l-eżekutor jista' jiġi awtorizzat mit-testatur sabiex ibiġh l-assi kollha tal-patrimonju (kemm jekk beni mobbli u kif ukoll beni immobbli) jew dawk indikati fit-testament.

Setgħat tat-trustee

It-trustee mhux biss jamministra iżda jirċievi wkoll il-benefiċċji tal-assi suġġetti għall-fedekommess. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tgawdija tat-tali assi sa fejn dawn ma jkunux inkompatibbli mal-fedekommess huma applikabbli. It-trustee jrid jikseb l-awtorizzazzjoni tal-qorti għat-trasferiment jew għall-aggravar tal-assi suġġetti għall-fedekommess.

Werrieta u kuratur għall-patrimonju sospiż

Meta l-patrimonju jkun sospiż, dan jikkostitwixxi fond b'personalità ġuridika. Il-patrimonju jista' għalhekk jibda proċeduri u proċeduri jistgħu jinġiebu kontri. Jekk ma hemm ħadd biex jamministra l-patrimonju f'dan il-każ, tista' tiġi adottata waħda mis-soluzzjonijiet msemmija hawn isfel.

Qabel ma jaċċetta jew jirrinunza għas-suċċessjoni, kull werriet jista' jieħu miżuri amministrattivi urġenti filwaqt li l-patrimonju jkun sospiż. Jekk titqajjem xi oġġezzjoni meta jkun hemm numru ta' werrieta, ir-rieda tal-

maġġoranza tirbaħ.

Jista' ukoll jinħatar kuratur tal-patrimonju sopsiż mill-qrati. Il-kuratur huwa responsabbli sabiex jitlob għall-proċeduri interlokutorji meħtieġa u sabiex jibda azzjonijiet li ma jistgħux jiddewmu mingħajr ma jsir preġudizzju għall-interessi tas-suċċessjoni. Il-kuratur huwa responsabbli wkoll sabiex jirrappreżenta l-patrimonju fl-azzjonijiet kollha miġjuba kontra. Il-kuratur jeħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja għat-trasferiment jew għall-aggravar ta' assi fissi, oġġetti prezzjużi, oġġetti ta' valur, stabbilimenti kummerċjali u l-assi l-oħra kollha li t-trasferiment jew l-aggravar tagħhom mhux ien att amministrattiv. L-awtorizzazzjoni ġudizzjarja tingħata biss meta l-att ikun iġġustifikat sabiex jiġi evitat id-deterjorament jew it-telf tal-assi, jitħallas id-dejn tal-patrimonju, jitħallsu l-ispejjeż tat-titjib meħtieġ u utli jew jekk jinqala' b'zonn ieħor urġenti.

Meta l-patrimonju ma jkunx aktar sopsiż peress li jiġi aċċettat iżda jibqa' individwi, il-liġi tippermetti li kull werriet jitlob ir-rikonossiment ġudizzjarju tal-istatus tiegħu bħala werriet u r-restituzzjoni tal-assi kollha tal-patrimonju jew parti minnhom kontra kull min ikollu l-pussess tagħhom fil-kwalità ta' werriet jew b'xi titolu ieħor jew mingħajr ebda titolu. Dan huwa maġħruf bħala petizzjoni għall-pussess (*petição da herança*). Din l-azzjoni tista' tittieħed minn werriet waħdu irrispettivament mill-oħrajn, iżda bla ħsara għad-dritt tal-kap tal-familja li jeżiġi l-għoti tal-assi li huwa jrid jamministra, kif indikat preċedement.

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Dokumenti li jikkonfermaw l-istatus ta' werrieta jew legatarji

1. Sentenzi;
2. Kuntratti notarili;
3. Proċeduri simplifikati li jikkonfermaw l-istatus ta' werrieta maħruġ mill-uffiċċju tar-reġistru.

Dan jattestja l-istatus ta' werrieta u / jew legatarji li jissopravvivu *d-decujus*.

Is-sentenzi, l-atti notarili u l-proċeduri simplifikati huma kollha strumenti awtentiki b'valur probatorju sħiħ.

Iċ-ċertifikat ta' eredità li jattestja l-kwalità ta' werriet jew legatarju huwa rreġistrat fl-uffiċċju tar-reġistru permezz ta' annotazzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt tad-*decujus*.

Dokumenti li jikkonfermaw id-diviżjoni

Fil-kuntest ta' suċċessjoni kkontestata:

1. Sentenza mogħtija mill-qorti kompetenti li ttrattifika d-diviżjoni tal-patrimonju fi proċeduri tal-inventarju. Is-sentenza tiddetermina kif l-ishma għandhom jiġu maqsuma (pereż. l-assi li għandhom jintirtu minn kull werriet jew legatarju). Dawn huwa strument awtentiku b'valur probatorju sħiħ.

Fil-kuntest ta' suċċessjoni volontarja:

1. Dokument privat awtentikat li jkun ġie redatt quddiem avukat, li jstabilixxi kif l-ishma għandhom jiġu maqsuma. Dan mhux ien strument awtentiku iżda att privat awtentikat li f'dan il-każ għandu valur probatorju ekwivalenti għal valur probatorju sħiħ.
2. Dokument li jkopri d-diviżjoni fil-kuntest ta' proċeduri simplifikati ta' suċċessjoni quddiem ir-reġistratur. Dawn huwa strument awtentiku b'valur probatorju sħiħ.
3. Kuntratt ta' diviżjoni redatt minn nutar. Dan huwa strument awtentiku b'valur probatorju sħiħ.

Kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija hawn fuq li jikkonferma d-diviżjoni jista' jifforma l-bażi għar-reġistrazzjoni tal-assi tal-patrimonju għall-benefiċċju ta' werriet jew legatarju, irrispettivament minn jekk dan għandux valur probatorju sħiħ.

Links relatati

[Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili \(Código de Processo Civil\)](#)

[Il-Kodiċi Ċivili \(Código Civil\)](#)

[Il-Liġi Nru 117/2019 tat-13 ta' Settembru 2019](#)

Avviż

L-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva hija ta' natura ġenerali u mhijiex eżawrjenti. Mhijiex vinkolanti fuq il-punt ta' kuntatt, in-Network Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, il-qrati jew kwalunkwe persuna oħra. Mhijiex intiża li tissostitwixxi konsultazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli fis-seħħ.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

■ L-aħħar aġġornament: 08/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.